MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Numru. 1024/2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONELLO
VS
LILYANN BONELLO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata LilyAnn bonello ta’ 32 sena mart Loreto, bint Anthony Borg u Mary nee Attard imwielda Mtarfa fis-27 ta’ Jannar 1970 u toqghod Block D, Flat 15, Triq il-Ward, Zabbar, li ghandha karta tal-identita numru 37870M talli fit-12 ta’ Novembru 2002 ghall-habta ta’ nofs inhar waqt li kienet gewwa l-Isptar San Luqa G’Mangia hebbet ghal Annabelle Bartolo u kkagunatilha griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr Michael Spiteri MD tal-Isptar San Luqa.

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma

titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmija Annabelle Bartolo li hija persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u

Talli fl-istess zmien, lok, hinu cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u

Talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku u

Talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi ingurjat jew heddedt jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' Annabelle Bartolo li hija inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-10 ta' Jannar 2003 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 221, 95, 338dd, 339ee, u 96 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------